A.L. 236 ta' l-2000

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35) ORDINANZA DWAR IT-TELEGRAFIJA MINGĦAJR FILI (KAP. 49) ATT BIEX JIRREGOLA T-TELEKOMUNIKAZZJONI (KAP. 399)

Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Mod kif Jitħallsu d-Drittijiet għat-Telekomunikazzjonijiet u t-Telegrafija mingħajr Fili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 2 u 6 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, u bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bil-artikolu 38 ta' l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, il-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità Kompetenti biex tirregola t-telekomunikazzjonijiet, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Mod kif Jitħallsu d-Drittijiet għat-Telekomunikazzjonijiet u t-Telegrafija mingħajr Fili.

Kif jitħallsu d-drittijiet għat-telekomunikazzjonijiet u t-telegrafija mingħajr fili.

2. (1) Meta f'regolamenti magħmulin taħt l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, l-Ordinanza dwar it-Telegrafija mingħajr Fili, jew l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjonijiet, skond il-każ, jiġi stabbilit xi dritt għar-rigward ta' xi awtorizzazzjoni, liċenza jew l-għoti ta' xi servizz li jkollu x'jaqsam ma' sistemi jew servizzi ta' telekomunikazzjonijiet jew ma' telegrafija mingħajr fili, u dak id-dritt ikun stabbilit bħala f'parti ammont fiss u f'parti oħra perċentaġġ ta' dħul gross jew ta' xi ammont ieħor li ma jistax jiġi stabbilit fil-waqt tal-ħruġ jew il-bidu ta' l-awtorizzazzjoni jew liċenza jew qabel l-għoti ta' servizz kif hawn aktar qabel imsemmi –

(a) dak l-ammont fiss għandu jitħallas minnufih mal-ħruġ, bidu jew tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni jew liċenza jew qabel l-għoti ta' xi servizz kif hawn aktar qabel imsemmi; u

(b) il-parti mid-dritt li tkun perċentaġġ tad-dħul gross jew ta' xi ammont ieħor li ma jkunx jista' jiġi stabbilit fil-waqt tal-ħruġ jew bidu ta' l-awtorizzazzjoni jew liċenza jew qabel l-għoti ta' servizz kif hawn aktar qabel imsemmi għandu jitħallas:

(i) għar-rigward ta' awtorizzazzjoni jew liċenza li dwarha xi dritt kif imsemmi hawn aktar qabel għandu jitħallas ta' kull sena, mhux iktar tard minn disgħin ġurnata wara kull anniversarju ta' l-awtorizzazzjoni jew liċenza;

(ii) għar-rigward ta' awtorizzazzjoni jew liċenza li dwarha xi dritt għandu jitħallas f'intervalli li ma jkunux ta' kull sena, mhux iktar tard minn sittin ġurnata wara kull perjodu li għar-rigward tiegħu dak id-dritt ikun dovut;

(iii) għar-rigward ta' l-għoti ta' xi servizz sew jekk inkluż f'xi awtorizzazzjoni jew liċenza kif hawn aktar qabel imsemmi sew jekk le, bil-mod stabbilit fil-paragrafi (i) u (ii) hawn aktar qabel.

(2) Jekk il-persuna awtorizzata jew il-persuna li jkollha liċenza jew il-persuna li tirċievi servizz tonqos milli tħallas xi ammont dovut kif stipulat f'dan ir-regolament għaldaqshekk għandu jibda għaddej mgħax bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena mid-data meta dik is-somma tkun dovuta.

Verifika.

3. Il-ħlas ta' drittijiet skond is-subparagrafi (i), (ii) jew (iii) tal-paragrafu (b) tar-regolament 2, ta' dawn ir-regolamenti ma għandux tabilfors jitfisser bħala li l-ammont imħallas hu l-ammont korrett. Id-Dipartiment tat-Telegrafija mingħajr Fili, jew l-Awtorità Kompetenti biex tirregola t-Telekomunikazzjonijiet, skond il-każ, li lilhom ikun dovut id-dritt, jistgħu jitolbu li jispezzjonaw il-kotba tal-kontijiet tal-persuna awtorizzata jew tal-persuna li jkollha liċenza jew tal-persuna li tirċievi servizz kif hawn qabel imsemmi bil-mod kif provdut fir-regolament 4 hawn aktar 'il quddiem sabiex jivverifikaw li dak l-ammont ikun l-ammont korrett. Jekk jirriżulta lid-Dipartiment tat-Telegrafija mingħajr Fili jew lill-Awtorità Kompetenti biex tirregola t-Telekomunikazzjonijiet, skond il-każ, li wara l-verifika jkun dovut ammont akbar, għaldaqshekk id-Dipartiment jew l-Awtorità Kompetenti, skond il-każ, għandhom javżaw lill-persuna awtorizzata jew lill-persuna li jkollha liċenza jew lill-persuna li tirċievi servizz kif fuq imsemmi bil-miktub u dak l-ammont għandu jitħallas fi żmien tletin ġurnata minn meta l-persuna awtorizzata jew il-persuna li jkollha liċenza jew il-persuna li tirċievi servizz kif fuq imsemmi tirċievi dak l-avviż. Għandu jingħabar mgħax bir-rata ta' tmienja (8) fil-mija fis-sena fuq l-ammont addizzjonali mid-data meta dan kien l-ewwel dovut.

Kotba u *records*.

4. (1) Matul iż-żmien ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenza jew ta' l-għoti ta' servizz kif imsemmija fir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, l-persuna awtorizzata jew il-persuna li jkollha liċenza jew il-persuna li tirċievi servizz kif fuq imsemmi għandha żżomm skond kull prattika standard ta' kontijiet, kotba tal-kontijiet u *records* kompleti u eżatti tan-negozju, propjetà u operazzjonijiet tagħha.

(2) Il-persuna awtorizzata jew persuna li jkollha liċenza jew il-persuna li tirċievi servizz kif fuq imsemmi għandha tippermetti lid-Dipartiment jew lill-Awtorità Kompetenti, skond il-każ, li jkun dovut lilhom xi dritt kif hemm imsemmi fir-regolament 2 ta' dawn ir-regolamenti, li jaraw l-kotba u r-*records* tagħha matul il-ħinijiet tax-xogħol normali u b'mod li ma joħolqu ebda diffikultà hekk kif jista' jkun raġonevolment meħtieġ biex jissorveljaw it-tħaris ta' dawn ir-regolamenti. Id-Dipartiment jew l-Awtorità Kompetenti, skond il-każ, għandhom jittrattaw kull informazzjoni lilhom mogħtija skond dan ir-regolament b'mod konfidenzjali u jistgħu biss jiżvelaw dik l-informazzjoni lil impjegati, rappreżentanti, avukati jew aġenti tad-Dipartiment tat-Telegrafija mingħajr Fili jew tal-Ministeru tal-Finanzi jew ta' l-Awtorità Kompetenti biex tirregola t-Telekomunikazzjonijiet li jkunu jeħtieġu li jafuha jew biex iwettqu l-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti jew għal kull fini li jkollu x'jaqsam ma' dan.